MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 53/2003

**Maltacom plc**

**Vs**

**Mary Cutajar**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenuta ghandha tigi ikkundannata thallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ erba’ mija u tmenin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm480.36) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 807929 (C/N 1025566), liema servizz gie installat fil-fond 4, Block 3, Triq Sant’Adrija, Cospicua, Malta, skond kif jidher mill-kopja tas-sevice agreement hawn anness u immarkat bhala dokument ‘A’.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenuta giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni izda ma pprezentat l-ebda risposta entro t-terminu lilha moghti mil-ligi u lanqas dehret fis-seduti tas-16 ta’ Jannar 2004, tad-29 ta’ Jannar 2004 u dik tal-lum;

Ra l-konferma bil-gurament ta’ Dottoressa Georgina Scicluna Bajada in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici tal-kreditu minnha pretiz;

U billi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata;

Jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ LM480.36 bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez kompriz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali tal-avukat patrocinatur tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------